**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 18 ta' Ottubru, 2017

Rikors Nru : 207/17 AL

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippreżentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi huwa zzewweg lill-intimata fl-14 ta' Gunju 1998. Illi huwa isseparat legalment minn ma' l-intimata permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono nhar it-13 ta' Ottubru tas-sena 2009;

Illi miz-zwieg il-konjugi Hughes ma kellhomx tfal;

Illi l-konjugi Hughes ilhom isseparati ferm oltre l-erbgha [4] snin rikjesti mill-ligi;

Illi l-partijiet ma' ghandhom ebda pendenza ta' manteniment bejniethom;

Illi l-partijiet ma' hemmx lok li jerghgu jirrikonciljaw;

Talab, li l-intimata tghid ghaliex din il- Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju jew il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet a tenur tal-Artikolu 66 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn l-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Lulju, 2017;

Rat illi l-intimata rapprezentata mill-avukat difensur taghha iddikjarat li ma toggezzjonax li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-13 ta' Ottubru 2009;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-

Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.